# INĦEJJI QALBI



Bħalissa qegħdin f'din il-mixja biex niċċelebraw il-Milied, il-festa ta' Alla magħna. Nixtieq infakkarkom xi affarijiet li huma ta' għajnuna kbira biex nikbru fil-ħajja interjuri.

1. F'dawn il-ġranet kellna grupp ta' parruċċani li bdew iqassmu l-librett *Ejjew Nitolbu*. Huwa ktieb żgħir ta' 160 paġna mogħti lil kull parroċċa, fuq inizjattiva tal-Isqof tagħna. Żommuh fejn issibuh biex tużawh għal talb fil-bidu ta' jum ġdid, fil-ħin tal-ikel u wkoll biex tgħidu talb ieħor bħar-rużarju. Xħin tibdew tużawh, taraw kemm isir faċli u ta' ġid.
2. Mit-Tnejn sas-Sibt, f'dawn il-ħdud tal-Avvent qed nagħmlu mumenti ta' talb flimkien - madwar 15-il minuta - fil-prayer room, fis-6:30am u fil-knisja fis-6:15pm. Dan ukoll huwa mument sabiħ biex ninġabru f'Alla.
3. Bdejna n-Novena fil-15 tax-xahar. In-Novena hija għat-tfal u għall-kbar. Huwa importanti li nersqu lejn u nimmeditaw dan il-misteru tal-Imħabba ta' Alla anke billi nisimgħu fuq il-ġrajja tal-Milied u nimmeditaw il-misteru li saħansitra San Franġisk t'Assisi ried jivviżwalizzah b'xi mod meta għamel l-ewwel presepju 800 sena ilu.
4. Nitlob lill-ġenituri u qraba biex jgħinu lit-tfal jarmaw il-presepju ftit ftit huma u jirċievu l-biċċiet matul in-Novena.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## Avviżi:

**IĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ javża li:**



- ◊ bħalma għamel diġà fis-snin li għaddew se jżur lill-morda u l-anzjani fid-djar tagħhom, dan is-Sibt 16 ta' Diċembru bejn id-9:00am u l-11:30am.
- ◊ se jkun qed jiċċelebra quddiesa għad-dawl tax-xemgħa nhar l-Erbgħa 20 ta' Diċembru fis-7:30pm. Kulħadd huwa mistieden jipparteċipa f'din l-Ewkaristija.





## IS-SIĠRA TAL-KARITÀ

Bħal fis-snin l-imgħoddija, is-siġra tal-karità ġiet armata fil-knisja. Bħas-soltu, ser inkunu qed ngħinu diversi entitajiet li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna. Inħeġġukom tipparteċipaw u ġġibu l-oġġetti li jkunu miktuba fuq il-karti tas-siġra.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am